MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA

Seduta tat-3 ta' Gunju, 2015

Citazzjoni Numru. 400/2015

**E . C. B. Hotel & Catering Equipment Limited**

**40-41 , Triq Marina, Pieta PTA9041 (C-4729)**

**Vs.**

**SPRINT BY 4 CATERERS LIMITED (C-51311)**

**Quattro Fratelli, Triq Qawra, Qawra-**

**Il-Qorti ,**

Rat ir-rikors tas-socjeta’ rikorrenti tat-28 t’April 2015, konfermat bil-gurament minn Mario Cutajar Id 445954(M) li jaqra hekk:

1. *Illi s-socjeta rikorrenti ghandha tiehu minghand is-socjeta intimata is-somma ta' seba' u ghoxrin elf , sitt mija, seba' u disghin ewros u hamsin centezmu tal-ewro (€27697.50) liema somma tirraprezenta prezz ta' "catering equipment" mibjugh u*

*kkonsenjat mis-socjeta rikorrenti lis-socjeta intimata, kif jidher mir-rendikont markat Dok A;*

2. *Illi s-socjeta intimata baqghet ma hallsitx l-imsemmija somma anki wara li giet interpellata;*

3. *Illi 1-kreditu tas-socjeta rikorrenti huwa cert, likwidu u dovut u fil-fehma taghha u tad-direttur taghha is-socjeta intimata ma ghandha ebda eccezzjoni x'taghti ghall-hlas tal-imsemmi kreditu u l-kawza tista' tigi deciza ai termini tal-Artikolu 167 et sequitur tal-Kap 12 ta1-Ligijiet ta' Malta;*

4. *Tghid ghalhekk is-socjeta intimata ghaliex dina l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex ghar-ragunijiet premessi :*

   i. *taqta' u tiddeciedi l-kawza u tghaddi ghas-sentenza bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza ghat-tenur tal-artikolu 167 et sequitur tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta; u*

   ii. *tikkundanna lis-socjeta intimata thallas lis-socjeta' rikorrenti s-somma fuq imsemmija ta' seba' u ghoxrin elf, sitt mija, seba' u disghin ewros u hamsin centezmu tal-ewro (€27697.50) ghar-ragunijiet fuq premessi.*

*Bl-imghax mid-data ta' kull fattura u bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra bonarja datata 17 t'April, 2015 kontra s-socjeta intimata li minn issa tibqa' ingunta ghas-subizzjoni."*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' Mario Cutajar, Direttur tas-socjeta' E.C.B. Hotel & Catering Equipment Limited tas-27 ta' Marzu 2015 (a fol. 6);

Rat id-digriet tal-5 ta' Mejju 2015 li bih appuntat ir-rikors ghas-smiegh ghas-27 ta' Mejju 2015 f'12:00;

Rat illi s-socjeta' intimata giet debitament notifikata bir-rikors guramentat, d-digriet ta' din il-Qorti u l-avviz tas-smiegh skond il-ligi;

Rat illi s-socjeta' intimata jew rapprezentant taghha ma deherx fis-27 ta' Mejju 2015 u fit-3 ta' Gunju 2015;

Rat il-verbal ta' Dr. Sladden tat-3 ta' Gunju 2015 li bih informa lil Qorti li thallas hamest elef u hames mitt Ewro (€5,500) fil-mori tal-kawza ;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidrat:**

Illi mid-dikjarazzjoni guramentata ta' Mario Cutajar Dok.B vide fol. 6 jirrizulta illi huwa Direttur tas-socjeta' rikorrenti u li s-socjeta' intimata hija debitrici tas-socjeta' rikorrenti fis-somma ta' seba' u ghoxrin elf, sitt mija, seba' u disghin Ewro u hamsin centezmu (€27,697.50) rapprezentanti prezz ta' *catering equipment* mibjugh u konsenjat lis-socjeta' intimata kif jidher minn Dok. A a fol. 4 u 5 tal-process.

Minkejja li s-socjeta' intimata giet interpellata ghal hlas, hija baqghet inadempjenti, u ma kellha ebda eccezzjoni x'taghti ghat-talba odjerna ghal hlas.

Il-Qorti rat illi s-socjeta' intimata, debitament notfikata, ma qanqlet ebda kontestazzjoni.

Rat il-verbal ta' Dr. Sladden tat-3 ta' Gunju 2015 li bih informa lil Qorti li thallas hamest elef u hames mitt Ewro (€5,500) fil-mori tal-kawza.

Il-Qorti qieset illi ma jeszistix ostakolo ghal-ghotja tas-sentenza.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici limitatament fis-sens li:

1. Tghaddi ghas-sentenza bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza ghat-tenur tal-Artikolu 167 et sequitur tal-Kapitolu12 tal-Ligijiet ta' Malta; u

2. Tikkundanna lis-socjeta intimata thallas lis-socjeta' rikorrenti s-somma fuq imsemmija ta' tnejn u ghoxrin elf mija u sebgha u disghin Ewro u hamsin centezmu (€22,197.50) ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-imghax mid-data ta' kull fattura u bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra bonarja datata 17 t'April, 2015 kontra s-socjeta intimata.

**Moqrija**

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------